# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **21 TA' JANNAR 2018**

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**

It-Tnejn 22 ta' Jannar 2018 wara l-quddiesa tas-6:00pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Tberik tal-Familji**

It-Tlieta 23 ta' Jannar 2018 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq il-Ħortan.**

**Grupp Armar tal-Parroċċa**

Il-Ħamis 25 ta' Jannar 2018 il-Grupp tal-Armar tal-Parroċċa ser jorganizza *Coffee Morning.*

**Kors ta' Kana**

Il-Ġimgħa 26 ta' Jannar 2018 fis-7.30pm issir it-tielet laqgħa tal-Kors ta' Kana fis-Sala Sant'Anna.

**Quddiesa għaż-żgħażagħ**

Il-Ħadd 28 ta' Jannar 2018 fit-8:00pm issir quddiesa għaż-żgħażagħ fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju, fil-Villa Apap Bologna.

**L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**

Il-Ħamis 1 ta' Frar 2018 huwa lejliet l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għalhekk wara l-quddiesa tas-6:00pm ikollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Il-Preżentazzjoni tal-Mulej, il-Kandlora**

Il-Ġimgħa 2 ta' Frar hija l-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju, il-Kandlora. Festa li tfakkarna li Ġesù hu d-dawl tal-ħajja tagħna. Qed nistiednu lit-tfal tal-parroċċa tagħna li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina din is-sena flimkien mal-familja tagħhom għall-quddiesa tas-6.00pm. Kulħadd huwa mistieden iġib miegħu xemgħa bajda.

**Pasta Night**

Is-Sibt 3 ta' Frar 2018 bħala Parroċċa ser norganizzaw *pasta night* fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex nattendu u biljetti nistgħu nixtruhom mis-sagristija. Grazzi.

**Mother and Baby Club**

Il-Mother and Baby Club se jorganizzaw Party tal-Karnival nhar l-Erbgħa 7 ta' Frar 2018.

**Kummissjoni Parrokkjali Tfal**

Is-Sibt 10 ta' Frar 2018 il-Kummissjoni Parrokkjali Tfal qed torganizza party tal-Karnival għat-tfal bejn 5 snin u 12-il sena fis-Sala Sant'Anna mit-3.00pm sas-6.00pm. Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija wara l-Quddiesa.